



EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

May 2023 | MT

KESE Info – EDIZZJONI SPE?JALI – Il-Prezidenza l-?dida tal-KESE

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL

Editorjal

Għeżież Qarrejja,

Huwa bi pjaċir kbir li qed nindirizzakom bħala l-President il-ġdid elett tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE). Nixtieq nestendi x-xewqat tiegħi lilkom kollha u nesprimi l-gratitudni tiegħi għall-ħidma imprezzabbli li jagħmlu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kuljum biex itejbu s-soċjetajiet tagħna.

Hekk kif l-Ewropa qed tinnaviga l-konsegwenzi tal-pandemija u tiffaċċja l-gwerra ta' aggressjoni fl-Ukrajna, huwa aktar importanti minn qatt qabel li nħarsu l-valuri tagħna tal-UE: id-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt. Il-[manifest politiku](#) tiegħi jenfasizza s-sinifikat ta' dawn il-prinċipji u jfassal triq 'il quddiem għal UE aktar reżiljenti, aktar inklużiva u aktar demokratika li tispira lill-ġirien tagħna qrib u 'l bogħod.

Fil-qalba tal-viżjoni tiegħi hemm it-twemmin li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma l-pedament tad-demokraziji tagħna. Intom ir-rabta vitali bejn il-membri tal-pubbliku u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, intom li tressqu t-tħassib u l-aspirazzjonijiet tagħhom lejn politiki għal futur aħjar għall-Ewropa. Il-KESE huwa impenjat li jiffaċilita d-dialogu u jiżgura li l-vuċijiet tagħkom jinstemgħu fl-ogħla livelli tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Dawk il-vuċijiet se jsiru ħafna aktar importanti bl-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin fl-2024. F'dan il-kuntest, irrid li l-KESE jieħu rwol aktar attiv bi tħejjija għall-elezzjonijiet biex jinvolvi ruħu mal-votanti u jżid il-parteċipazzjoni tagħhom. L-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili - l-appoġġ tagħkom - se jkun tal-akbar importanza.

Ma ninsewx li d-deċiżjonijiet tal-lum qed jittieħdu biex jinbena futur b'saħħtu u ġust għall-ġenerazzjonijiet futuri. Se nistinka biex nagħmel il-KESE post fejn iż-żgħażaġħ jistgħu jesprimu liberament it-tħassib, l-ideat u l-opinjoni tagħhom, u fejn il-

kontribuzzjonijiet tagħhom jiġu vvalutati u tittieħed azzjoni fuqhom.

Hekk kif qed niffaċċjaw sfidi kumplessi fix-xena internazzjonali, nemmen li huwa kruċjali li niftħu l-bibien tal-KESE għall-ġirien tagħna fis-Sħubija tal-Lvant u l-Balkani tal-Punent. Il-futur tal-Unjoni Ewropea huwa marbut sew mal-istabbiltà u l-prosperità ta' dawk ir-reġjuni, u rridu nirrikonoxxu dan. Billi jagħxi bħala portal ġenwin tas-soċjetà ċivili għal dawn il-pajjiżi, irrid li l-KESE jgħin om u jagħtihom il-mezzi biex jiġieldu għal-libertà, id-demokrazija, u integrazzjoni aktar mill-qrib.

Jien impenjat li namplifika l-vuċijiet tas-soċjetà ċivili matul il-mandat tiegħi bħala President tal-KESE. Inħeġġiġkom taħtfu l-opportunità u tinvolvu ruħkom b'mod attiv mal-KESE u l-inizjattivi tagħna. Flimkien, nistgħu nnaqqsu d-distakk bejn il-pubbliku u l-istituzzjonijiet, billi niżguraw li l-politiki tal-UE jkollhom l-għeruw fil-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet reali tan-nies.



Flimkien, nistgħu niddefendu d-demokrazija tagħna u nitkellmu favur l-Ewropej.

Oliver Röpke
President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

NEW PUBLICATIONS



Niddefendu d-demokrazija – Insemmgħu le?inna favur l-Ewropa

Il-manifest politiku jenfasizza l-prijoritajiet tal-President tal-KESE Oliver Röpke għall-mandat tiegħu għall-2023-2025, huwa jistabbilixxi l-ideat u l-inizjattivi ewlenin li huma mmirati biex jikkontribwixxu biex l-UE tkun aktar reżiljenti, aktar inklużiva u aktar demokratika.

Ikklikkja [hawn](#) biex tniżżel kopja tal-manifest.



[FILMAT: 'Il fejn għandu jimxi l-KESE matul il-ftit snin li ?ejjin?](#)

Ara l-filmat fejn il-membri u l-imsieħba tal-KESE jleħħnu l-aspettattivi tagħhom għat-tieni nofs tal-mandat.

A?BARIJET TAL-KESE



[Id-demokrazija b?ala gwida g?all-programm tal-President il-?did tal-KESE](#)

Il-President iwiegħed li se jagħmel lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew l-istituzzjoni ta' għażla għad-djalogu demokratiku u jiftaħ il-bibien tiegħu għall-pajjiżi ta' adeżjoni mal-UE.

Il-KESE ħatar lill-Awstrijak **Oliver Röpke** bħala l-34 president fil-65 sittin sena ta' storja tiegħu. Eks kap tal-uffiċċju ta' Brussell tal-Federazzjoni Awstrijaka tat-Trade Unions (ÖGB) u l-aktar President reċenti tal-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE, is-Sur Röpke se jmexxi l-korp tal-UE li jirrappreżenta s-soċjetà ċivili organizzata għas-sentejn u nofs li ġejjin.

Il-membri Pollakk **Krzysztof Pater** u l-membri Rumen **Aurel Laurentiu Plosceanu** jingħaqdu miegħu fit-tmexxija tal-KESE bħala Viċi President għall-baġit u bħala Viċi President għall-Komunikazzjoni rispettivament.

Bit-tiġdid tal-presidenza tal-KESE f'nofs il-mandat, is-Sur Röpke se jkompli fejn ħalliet il-kompatrijotta tiegħu **Christa Schweng**, li mexxiet il-Kumitat fl-ewwel nofs tal-mandat 2020-2025.

Bħala promotur tad-drittijiet tal-ħaddiema, is-Sur Röpke huwa determinat li jikkonsolida r-rwol tal-KESE bħala forum għal djalogu bejn firxa wiesgħa ta' atturi, u jaqdi rwol ewlieni fit-tiswir tal-politiki tal-UE u biex terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett tal-UE.

Matul il-mandat li jmiss, se nsaħħaħ ir-rwol uniku tal-KESE bħala interfaċċa bejn iċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet tal-UE, u naġixxi bħala pjattaforma reali għal dibattitu onest u inklużiv. Se nkun f'kuntatt mal-imsieħba tagħna fil-Balkani tal-Punent u fil-viċinat tal-Lvant biex inrawwem kooperazzjoni aktar mill-qrib, u f'kuntatt maż-żgħażaġh biex niżguraw li qed nibnu l-futur li jixtiequ jgħixu fih – inklużiv, prosperu u demokratiku”, qal il-President.

Għall-presidenza tiegħu, is-Sur Röpke għażel il-motto “Niddefendu d-demokrazija, insemmgħu leħinna favur l-Ewropa”. L-erba' pilastru tal-programm tiegħu – [il-Manifest](#) – jinkorporaw il-viżjoni tiegħu ta' Ewropa aktar soċjali u rappreżentattiva li tilħaq ukoll lill-ġirien tagħna biex tgħinhom iwittu t-triq lejn futur aktar stabbli u

paċifiku. Il-pilastru huma d-difiża tad-demokrazija f'darna stess u lil hinn minna u li nsemmgħu leħinna favur l-Ewropa billi nagħmlu l-KESE aktar rappreżentattiv; u billi nsaħħu l-kwalità tas-sensibilizzazzjoni tal-KESE u tal-ħidma li tħares 'il quddiem tiegħu.

Il-manifest jinkludi lista ta' azzjonijiet li l-President il-ġdid beħsiebu jimplementa matul il-mandat tiegħu. Fost l-oħrajn, dawn jinkludu l-ħatra ta' membri onorarji tat-tkabbir mill-pajjiżi tal-adeżjoni mal-UE biex jinvolvuhom fil-ħidma konsultattiva ta' kuljum tal-KESE, u parteċipazzjoni robusta tal-KESE f'kampanji u attivitajiet biex tiżdied il-parteeċipazzjoni tal-votanti fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2024. L-enfasi se tkun ukoll fuq l-involviment taċ-ċittadini, b'mod partikolari ż-żgħażaġħ, fl-UE permezz ta' panels taċ-ċittadini u forom oħra ta' parteċipazzjoni. (II)



Il-membri Rumen Aurel Laurențiu Plosceanu huwa l-viċi president il-ġdid tal-KESE g'all-komunikazzjoni

Bħala membru tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE, is-Sur Plosceanu huwa l-president tal-Assoċjazzjoni Rumena tal-Intraprendituri tal-Kostruzzjoni (ARACO) u viċi president tal-Unjoni Ġenerali tal-Industrijalisti Rumeni (UGIR).

Huwa ġie elett fis-sessjoni plenarja tat-tiġdid ta' nofs it-terminu fis-26 ta' April 2023.

“Ninsab kuntent ħafna nassumi din ir-responsabbiltà, li għaliha jien impenjat bis-sħiħ”, huwa qal. “Illum il-ġurnata qed niffaċċjaw sfidi multipli u rridu nkunu kapaċi nikkomunikaw b'mod effettiv dak li nagħmlu fil-livell tal-UE u nsemmgħu l-vuċi tas-soċjetà ċivili organizzata tal-UE”.

Is-Sur Plosceanu, li ilu membru tal-KESE minn meta r-Rumanija ssieħbet fl-UE fl-2007, kien president tas-Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza (SOC) għall-ewwel nofs tal-mandat attwali u huwa kopresident tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt UE-Serbja.

Huwa għandu kwalifiki fl-inġinerija teknika (Università Teknika tal-Inġinerija Ċivili ta' Bukarest) u l-liġi (Università Nicolae Titulescu ta'

Bukarest), kif ukoll eMBA fl-ekonomija (INDE) u lawrja postgradwatorja fid-difiża (Kulleġġ tad-Difiża Nazzjonali Rumena). (mp)



Krzysztof Pater mill-Polonja huwa l-vi?i president il-?did tal-KESE g?all-Ba?it

L-eks Ministru Pollakk għall-Politika Soċjali u l-President attwali tal-Assoċjazzjoni Pollakka tal-Isouting u l-Guiding (ZHP), is-Sur Pater ġie elett għall-kariga fis-26 ta' April mill-assemblea plenarja tal-KESE, li tagħha ilu membru attiv ħafna mill-2006.

Waħda mill-ogħla prijoritajiet tas-Sur Pater, bħala r-responsabbli għall-infiq tal-Kumitat, se tkun li jsaħħaħ ir-reżiljenza tiegħu, bħala istituzzjoni demokratika, għat-theddid u l-influwenza ostili.

“Mill-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna 'l hawn, ma kienx hemm biss bidla drammatika fix-xenarju ekonomiku, li hija sors ta' inċertezza kbira fl-ippjanar ta' ħafna mill-infiq tal-Kumitat, iżda wkoll fis-sitwazzjoni ġeopolitika globali”, qas is-Sur Pater. “Dan jagħmilha aktar importanti minn qatt qabel li ninvestu biex is-sistemi demokratiċi eżistenti jkunu jistgħu jiproteġu aktar id-drittijiet fundamentali u jsaħħu l-istabbiltà tagħhom stess.”

Fil-Polonja, Krzysztof Pater kellu rwol prominenti fir-riforma tas-sistema Pollakka tal-pensjonijiet lejn l-aħħar tad-disgħinijiet, u għen fit-tiswir tal-kunċett tal-pilastru ta' finanzjament. Huwa sar Sottosegretarju tal-Istat għax-Xogħol u l-Politika Soċjali fl-2001 u Ministru għall-Politika Soċjali fl-2004.

Ippremjat bis-Salib tad-Deheb tal-Mertu mill-President tal-Polonja għax-xogħol edukattiv tiegħu mat-tfal u ż-żgħażaġħ, is-Sur Pater ilu membru attiv tal-Assoċjazzjoni tal-Isouting ZHP għal aktar minn 45 sena u bħalissa huwa l-president tagħha.

Fil-KESE kien president tas-Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali (2008-2010), u president tal-Osservatorju tas-Suq tax-Xogħol (2010-2013 u 2018-2020).

Ir-rapporti tiegħu mexxew kampanji biex jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom li jivvutaw madwar l-UE fl-elezzjonijiet Ewropej. Huwa kien ukoll favur ir-rikonoxximent tal-valur soċjali u ekonomiku enormi tal-volontarjat, li huwa tenna fid-diskors ta' aċċettazzjoni tiegħu: “L-attività volontarja salvat il-ħajja ta' eluf ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea matul il-pandemija tal-COVID-19 u żgurat li mijiet ta' eluf ta' refuġjati mill-Ukrajna setgħu jiksbu l-għajnuna li kellhom bżonn. Nittama ħafna li l-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi wkoll l-isforzi tagħhom billi tagħmel l-2025 is-Sena Ewropea tal-Volontarjat, kif il-Kumitat tagħna talab. (dm)

[Min hu min: it-tmexxija l-?dida tal-KESE](#)

President



Oliver Röpke, l-Awstrija

Grupp tal-Ħaddiema

Viċi Presidenti



Aurel Laurențiu Plosceanu, ir-Rumanija

Grupp ta' Min Iħaddem

President tal-**Kummissjoni tal-Komunikazzjoni**
(COCOM)



Krzysztof Pater, il-Polonja

Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili

President tal-Kummissjoni għall-Affarijiet
Finanzjarji u Baġitarji (CAF)

Presidenti tal-Gruppi



Stefano Mallia, Malta

President tal-Grupp ta' Min Iħaddem



**Lucie Studničná, ir-
Repubblika Ċeka**

President tal-Grupp tal-
Ħaddiema



Séamus Boland, I-Irlanda

President tal-Grupp tal-
Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta'
Ċivili

Presidenti tas-Sezzjonijiet



Ioannis Vardakastanis, il-Greċja

Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili

President tas-Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali (ECO)



Sandra Parthie, il-Ġermanja

Grupp ta' Min Iħaddem

President tas-Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum (INT)



Dimitris Dimitriadis, il-Greċja

Grupp ta' Min Iħaddem

President tas-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni (REX)



Peter Schmidt, il-Ġermanja

Grupp tal-Ħaddiema

President tas-Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent (NAT)



Cinzia del Rio, l-Italja

Grupp tal-Ħaddiema

President tas-Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarjiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza (SOC)



Baiba Miltoviča, il-Latvja

Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili

President tas-Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni (TEN)



Pietro Francesco de Lotto, l-Italja

Grupp tal-Ħaddiema

President tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)



Spjegazzjoni tat-ti?did f'nofs il-mandat tal-KESE

Jinbidlu l-mexxejja ewlenin kollha tal-KESE għat-tieni nofs tal-mandat tiegħu, li jibda minn April 2023 sa Settembru 2025

Minbarra l-President, iż-żewġ Viċi Presidenti u l-Bureau, il-KESE ħatar ukoll presidenti ġodda għas-sitt Sezzjonijiet tiegħu (SOC, ECO, INT, NAT, TEN u REX), u għall-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI).

Il-President u ż-żewġ Viċi Presidenti jiġu eletti b'maġġoranza sempliċi matul is-sessjoni inawgurati tal-Assemblea. Huma jintgħażlu minn kull wieħed mit-tliet gruppi tal-KESE (il-Grupp ta' Min Iħaddem, il-Grupp tal-Ħaddiema u l-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili) b'rotazzjoni, għal mandat ta' sentejn u nofs.

Il-President huwa responsabbli għall-funzjonament tajjeb tal-attivitajiet tal-Kumitat, u jirrappreżenta lill-KESE fir-relazzjonijiet tiegħu mal-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra.

Iż-żewġ Viċi Presidenti – eletti miż-żewġ gruppi li l-President ma jkunx jappartjeni għalihom – huma responsabbli għall-komunikazzjoni u l-baġit rispettivament.

Il-Bureau huwa l-korp li jieħu d-deċiżjonijiet politiċi fil-KESE. Il-kompitu ewleni tiegħu huwa li jstabilixxi l-oġettivi, l-istrategġiji u l-prijoritajiet tal-KESE fl-oqsma kollha u li jiddetermina l-programm ta' ħidma tiegħu. Il-Bureau huwa magħmul mill-President, miż-żewġ Viċi Presidenti, mill-presidenti tat-tliet Gruppi, mill-presidenti tas-Sezzjonijiet u tas-CCMI, u jinkludi wkoll għadd varjabbli ta' membri li ma jaqbiżx l-għadd ta' Stati Membri.

Il-KESE huwa magħmul minn 329 membru mis-27 Stat Membru. Dawn jiġu nominati mill-gvernijiet nazzjonali u jinħatru mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal perjodu ta' ħames snin. Huma mbagħad jaħdmu b'mod **indipendenti** fl-interess taċ-ċittadini kollha tal-UE. Dawn il-membri mhumiex politiċi iżda impjegaturi, trejdnunjonisti u rappreżentanti ta' setturi tas-soċjetà differenti, bħall-biedja, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u dawk ambjentali, l-ekonomija soċjali, l-SMEs, il-professionisti, u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw persuni b'diżabbiltà, is-settur tal-volontarjat, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, iż-żgħażaġħ, il-qasam akkademiku u oħrajn. (Il/dm)

Editor

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributori għal din l-edizzjoni huma

Daniela Marangoni (dm)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Marcin Buchowski (mb)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Technical support
Bernhard Knoblach (bk)
Joris Vanderlinden (jv)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffiċjali tal-?idmiet tal-KESE; g'al dawn, jekk jog??bok irreferi g'all-?urnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew g'al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissema b'ala s-sors u tintbag?at link lill-[editur](#).

06/2023